MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 8/2006/1

**Joseph Licari (ID 256422M), Victoria Licari (ID 330820M), Dottoressa Maria Theresa sice Marthese Licari (ID 451851M) u Dottoressa Mary Licari (ID 176529M) bhala uzufruttwarja tal-proprjeta'.**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi Joseph Licari, Victoria Licari u d-Dottoressa Maria Theresa sive Marthese Licari huma proprjetarji tal-fond numru 45, fi Triq Sant'Elena Bormla;

Illi d-Dottoressa Mary Licari hija uzufruttwarja tal-istess proprjeta';

Illi l-atturi gew notifikati b'ittra ufficjali intavaolata fil-5 ta' Gunju 2006 mid-Direttur tal-Artijiet u dan ghall-finijiet u l-effetti tal-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta);

Permezz ta' din l-ittra ufficjali d-Direttur tal-Artijiet jiddeferi lil-atturi ghall-Avviz tal-Gvern 254 ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 45, Triq Sant'Elena Bormla, mertu ta' din il-kawza;

Illi l-kumpens stabbilit mill-Perit Joseph Mizzi u li Direttur tal-Artijiet offra lill-atturi permezz ta' l-ittra ufficjali surriferita tal-5 ta' Gunju 2006 huwa ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500);

Illi l-kumpens indikat u offrut mid-Direttur tal-Artijiet mhuwiex gust u ekwu fic-cirkostanzi, u l-atturi ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jindikaw is-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) bhala kumpens gust u ekwu;

Illi ghalhekk l-atturi esponenti qeghdin fic-cirkostanzi jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 (6) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-atturi esponenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom ghax-xiri assolut mil-Gvern ta' Malta ghall-fond fuq imsemmi, okkorrendo bin-nomina tal-periti nominandi jekk ikun il-kaz, u dan oltre imghaxijiet legali mid-data ta' l-espropriazzjoni kif mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li jinghataw dawk il-provedimenti u direttivi kollha li dan l-Onorabbli Bord iqis necessarji u opportuni a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra r-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 22 ta' Gunju 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita

kompetenti ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 45 Triq Sant’Elena Bormla u qeghdin jippretendu li l-kumpens ghandu jkun dak ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500);

Illi l-esponent qieghed jibqa’ isostni l-valur gust huwa dak fuq citat u cioe’ l-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) li gie ffissat mill-Perit Joseph Mizzi A&CE ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1,500) bhala l-kumpens gust ghall-esproprijazzjoni tal-fond fuq imsemmi;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi kif jirrizulta mill-atti, wara l-espropriju ta’ dan l-fond kif jidher pacifiku mir-rikors promutur u r-risposta tal-intimat, r-rikorrenti irrifjutaw il-kumpens offert ta’ Lm 1,500 ghaliex issostnu li l-valur rejali dovut lilhom bhala uzufrutwarji huwa fl-ammont ta’ Lm 4,500;

Illi ir-rikorrenti qed jistriehu fuq l-istima maghmula minn perit arkitett taghhom li xehed f’dawn il-proceduri. L-istess rikorrenti iddikjaraw illi ghalkemm il-fond huwa wiehed antik, ghadu abitabbli tant li hemm persuni joqghodu fih.

Illi l-periti membri assenjati biex jassistu lill-dan il-Bord fil-kaz in dizamina kkonkludew bil-mod segwenti fir-relazzjoni taghhom li qed tkun annessa bhala formanti parti minn din is-sentenza:

Huma ikkonsidraw dan kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwsit ta’ l-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta) u partikolarment l-Artikoli 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta’ ghandha tigi

meqjusa bhala fabbrikabbli ghall-finijiet tal-Ligi, u li l-valur tal-istess proprjeta’ bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti eseibit, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ erba t’elef u hames mitt lira maltin (Lm4,500) jigifieri ghaxar t’elef erba mija tnejn u tmenin Euro u tmintax il-ewrocentezmu (€10,482.18);

Ghalhekk stante d-decizjoni unanima tal-periti membri, l-Bord qed jiddetermina dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens dovut ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 45, fi Triq Sant’Elena, Bormla, li qed ikun dikjarat fabbrikabbli, fl-ammont ta’ ghaxar t’elef erba mija tnejn u tmenin Euro u tmintax il-ewrocentezmu (€10,482.18).

In forza tas-setgha moghtija mill-artikolu 25(f) tal-Kap 88, jordna lill-intimat sabiex ihallas dan l-ammont lis-socjeta’ rikorrenti sa zmien xahrejn mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------